



Brussell, 22 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

16352/22

Fajls Interistituzzjonali:
2022/0031(COD)
2022/0030(COD)

COVID-19 191	TRANS 810
JAI 1748	COCON 64
POLGEN 188	COMIX 625
FRONT 468	SCHENGEN 114
FREMP 284	AVIATION 326
IPCR 121	PHARM 194
VISA 207	RELEX 1770
MI 996	TOUR 81
SAN 677	CODEC 2121

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Diċembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 753 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqa (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 753 final.

Mehmuż: COM(2022) 753 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.12.2022
COM(2022) 753 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19

1. DAĦLA

Fl-14 ta' Ġunju 2021, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2021/953 li jistabbilixxi ċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE (ir-“Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE”)¹. Ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 taċ-ċittadini tal-UE u tal-membri tal-familji tagħhom. Ir-Regolament huwa akkumpanjat mir-Regolament (UE) 2021/954², li jestendi l-qafas taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' Stat Membru u li huma intitolati jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħrajn f'konformità mad-dritt tal-UE.

Ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jfittex li jiffaċilita l-moviment liberu billi jipprovdi ċertifikati interoperabbli u aċċettati b'mod reċiproku liċ-ċittadini dwar it-tilqim, l-ittestjar u l-fejqan marbutin mal-COVID-19 li jistgħu jużaw meta jivvjaġġaw. Fid-29 ta' Ġunju 2022, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill estendew ir-Regolamenti sat-30 ta' Ġunju 2023³. Dik l-estensjoni żgurat li l-vjaġġaturi jkunu jistgħu jkomplu jużaw iċ-ċertifikat tagħhom jekk is-sitwazzjoni epidemjoloġika tmur għall-agħar b'mod sinifikanti, u tagħmilha neċessarja għall-Istati Membri li jintroduċu mill-ġdid temporanjament ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar.

Fl-istess ħin, l-estensjoni tal-qafas taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ma tirrikjedix li l-Istati Membri jżommu jew jimponu restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu. Kwalunkwe restrizzjoni għall-moviment liberu tal-persuni fl-UE stabbilita biex tillimita t-tixrid tas-SARS-CoV-2, inkluż ir-rekwiżit li jiġu ppreżentati ċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE, għandha titneħħa hekk kif is-sitwazzjoni epidemjoloġika tippermetti. Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, flimkien mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-approċċ koordinat dwar il-moviment liberu matul il-

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 211, 15.6.2021, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 211, 15.6.2021, p. 24).

³ Ir-Regolament (UE) 2022/1034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/953 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 37); u r-Regolament (UE) 2022/1035 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/954 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri matul il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 46).

pandemija tal-COVID-19⁴, tabilħaqq ikkontribwixxa għat-tneħħija koordinata tar-restrizzjonijiet minn Awwissu 2022, l-Istati Membri kollha neħħew ir-restrizzjonijiet kollha tal-ivvjaġġar intra-UE, inkluż ir-rekwiżit li jiġi ppreżentat Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. Fl-aħħar proposta tagħha għal aġġornament għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill⁵, il-Kummissjoni tqis li fl-UE, dan in-nuqqas ta' restrizzjonijiet relatati mal-pandemija għall-moviment liberu għandu jibqa' n-norma, ħlief jekk is-sitwazzjoni epidemjoloġika tmur għall-agħar b'mod sever.

Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE kien element kruċjali fir-rispons tal-Ewropa għall-pandemija tal-COVID-19 u malajr sar standard fl-Ewropa u lil hinn minnha. Sa minn mindu ġie mniedi, l-Istati Membri ħarġu aktar minn 2 biljun Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE⁶. Is-suċċess tiegħu serva biex titħaffef id-diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa madwar l-Istati Membri. Ir-Regolament għandu wkoll dimensjoni internazzjonali importanti, peress li jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tgħaqqad is-sistemi taċ-ċertifikati tal-COVID-19 f'pajjiżi terzi⁷. Bħalissa, 49 pajjiż terz u territorju madwar ħames kontinenti ngħaqudu mas-sistema, flimkien mas-27 Stat Membru.

F'konformità mar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, il-Kummissjoni ppreżentat rapporti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'Ottubru 2021 (ir-“rapport ta' Ottubru 2021”)⁸ u f'Marzu 2022 (ir-“rapport ta' Marzu 2022”)⁹. Dawn ir-rapporti taw ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tar-Regolament minn meta ġie adottat fl-14 ta' Ġunju 2021. Ir-rapport ta' Marzu 2022 inkluda wkoll valutazzjoni tal-impatt tar-Regolament dwar il-faċilitazzjoni tal-moviment liberu, id-drittijiet fundamentali u n-nondiskriminazzjoni, kif ukoll dwar il-protezzjoni tad-*data* personali matul il-pandemija tal-COVID-19.

Meta estendew ir-Regolament, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ipprovdew li l-Kummissjoni trid tippreżenta rapport ieħor sal-31 ta' Diċembru 2022¹⁰. Dan it-tielet rapport għandu jinkludi, b'mod partikolari, ħarsa ġenerali lejn l-informazzjoni li waslet dwar l-implimentazzjoni tar-

⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/107 tal-25 ta' Jannar 2022 dwar approċċ ikkoordinat biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19 u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475 (ĠU L 18, 27.1.2022, p. 110).

⁵ Il-Proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li temenda r-Rakkomandazzjoni (UE) 2022/107 dwar approċċ ikkoordinat biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19 (COM(2022) 681 final).

⁶ Data limitu tal-31 ta' Ottubru 2022. Diżaggregazzjoni dettaljata għal kull Stat Membru hija inkluża fl-Anness I.

⁷ Kif previst fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

⁸ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqa (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (COM(2021) 649 final).

⁹ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqa (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (COM(2022) 123 final).

¹⁰ L-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

Regolament, ħarsa ġenerali li tiddeskrivi l-iżviluppi kollha fir-rigward tal-użi domestiċi u internazzjonali taċ-ċertifikati u l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament, u kwalunkwe aġġornament rilevanti fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt tar-Regolament stabbilit fir-rapport preċedenti. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll valutazzjoni tal-adegwatezza tal-użu kontinwu taċ-ċertifikati għall-finijiet tar-Regolament, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi epidemjoloġiċi u l-aħħar evidenza xjentifika disponibbli.

Minbarra s-suġġetti msemmija b'mod espliċitu fir-Regolament, dan ir-rapport fih ukoll informazzjoni aġġornata dwar in-numru ta' Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE maħruġin, l-aħħar żviluppi tekniċi relatati mas-sistema taċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE, u informazzjoni dwar it-tibdiliet introdotti bl-estensjoni tar-Regolament. Bħala segwitu għar-rapport preċedenti, fih ukoll informazzjoni aġġornata dwar il-perjodu ta' aċċettazzjoni taċ-ċertifikati tat-tilqim u żviluppi rilevanti oħrajn dwar iċ-ċertifikati tat-testijiet, tal-fejqa u tat-tilqim. Fl-aħħar, ir-rapport jiddeskrivi r-riflessjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament u dwar każijiet potenzjali ta' użu ieħor.

2. APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT DWAR IĊ-ĊERTIFIKAT COVID DIĠITALI TAL-UE U L-IMPATT TIEGĦU FUQ ID-DRITTIJET FUNDAMENTALI U FUQ IN- NONDISKRIMINAZZJONI

2.1. Faċilitazzjoni tal-moviment liberu

2.1.1. Koordinazzjoni tar-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu marbuta mal-pandemija tal-COVID-19 – l-użu taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE fil-kuntest tal-ivvjaġġar intra-UE

Kif spjegat ukoll f'aktar dettall fir-rapport ta' Marzu 2022, id-dritt fundamentali tal-moviment liberu huwa minqas fl-Artikolu 21(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. L-eżerċitar tiegħu jista' jkun soġġett għal limitazzjonijiet, sakemm dawn jiġu applikati f'konformità mar-regoli rilevanti u l-prinċipji ġenerali tal-UE.

Matul il-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri ħadu miżuri li llimitaw l-eżerċitar tad-dritt tal-moviment u tar-residenza libera fi ħdan l-UE sabiex jipproteġu s-saħħa pubblika. Tali limitazzjonijiet iridu jirrispettaw il-prinċipji tad-dritt tal-UE bħall-proporzjonalità u n-nondiskriminazzjoni. Kwalunkwe miżura li tittieħed ma għandhiex testendi lil hinn minn dak li jkun strettament neċessarju sabiex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa pubblika. Il-Kummissjoni

kompliet ukoll tissottolinja dan l-obbligu fil-proposti differenti tagħha adottati dwar il-kwistjoni tal-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19¹¹.

Kif innotat mill-Qorti Ġenerali¹² (aktar dettalji fit-Taqsima 2.1.4), ir-Regolament ma jirrikjedix li l-Istati Membri jintroduċu limitazzjonijiet fuq id-dritt għall-moviment liberu¹³. Madankollu, ir-Regolament jiżgura li, meta l-Istati Membri jirrinunzjaw ċerti restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu għal persuni fil-pussess ta' prova ta' tilqim, ta' test jew ta' fejqan, iċ-ċittadini jkunu jistgħu jibbenefikaw, b'mod nondiskriminatorju, minn dawn l-eżenzjonijiet fuq il-bażi ta' ċertifikati maħruġin f'konformità mar-Regolament.

Ir-Regolament li jestendi l-qafas ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jagħmilha ċara li din l-estensjoni ma għandhiex tinftehem bħala li tirrikjedi lill-Istati Membri, b'mod partikolari dawk li jneħħu l-miżuri domestiċi tas-saħħa pubblika, li jżommu jew jimponu restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu¹⁴. Kwalunkwe restrizzjoni għall-moviment liberu tal-persuni fl-UE stabbilita biex tillimita t-tixrid tas-SARS-CoV-2s, inkluż ir-reqwiżit li jiġu ppreżentati ċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE, għandha titneħħa hekk kif is-sitwazzjoni epidemjoloġika tippermetti.

Sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni madwar l-UE, il-Kummissjoni kompliet bl-isforzi tagħha biex tiżgura approċċ koordinat sew għall-adozzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-moviment. Fl-14 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni pproponiet aġġornament ieħor għall-approċċ koordinat dwar l-ivvjaġġar fl-UE matul il-pandemija tal-COVID-19¹⁵ biex jirrifletti s-sitwazzjoni

¹¹ Ara l-proposta tal-Kummissjoni tal-4 ta' Settembru 2020 għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 (COM(2020) 499 final), il-proposta tal-Kummissjoni tas-17 ta' Marzu 2021 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati interoperabbli dwar il-vaċċinazzjoni, l-ittestjar u l-irkupru għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (Ċertifikat Diġitali Aħdar) (COM(2021) 130 final), il-proposta tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2021, Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19 u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475 (COM(2021) 749 final) u l-proposta tal-Kummissjoni tat-3 ta' Frar 2022 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/953 jistabbilixxi qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (COM(2022) 50 final).

¹² Id-digriet tad-29 ta' April 2022, *Abenante et vs Il-Parlament u Il-Kunsill*, T-527/21, EU:T:2022:278, il-punti 46-48.

¹³ Ara wkoll il-Premessa 14 tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE: “*Dan ir-Regolament huwa maħsub biex jiffaċilita l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' proporzjonalità u nondiskriminazzjoni fir-rigward tar-restrizzjonijiet għall-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li jimmira lejn livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika. Huwa jenħtieġ li ma jinftehimx bħala li jiffaċilita jew jinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' restrizzjonijiet għall-moviment liberu, jew restrizzjonijiet għal drittijiet fundamentali oħra, b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, minħabba l-effetti ta' ħsara tagħhom fuq iċ-ċittadini tal-Unjoni u n-negozji*”.

¹⁴ Il-Premessa 16 tar-Regolament (UE) 2022/1034.

¹⁵ Il-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li temenda r-Rakkomandazzjoni (UE) 2022/107 dwar approċċ ikkoordinat biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19 (COM(2022) 681 final).

epidemjoloġika mtejba, li ġie adottat mill-Kunsill fit-13 ta' Diċembru 2022¹⁶. Kif spjegat fil-proposta, il-Kummissjoni tqis li fl-UE, in-nuqqas ta' restrizzjonijiet relatati mal-pandemija għall-moviment liberu għandu jibqa' n-norma. Ir-rekwiżiti li wieħed għandu jkollu fil-pussess tiegħu Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE validu għandhom jiġu introdotti mill-ġdid biss jekk is-sitwazzjoni epidemjoloġika tmur għall-aġar b'mod sever.

Huwa biss b'reazzjoni għal varjant ġdid ta' tħassib jew ta' interess li jistgħu jittieħdu miżuri addizzjonali – minbarra r-rekwiżit li jiġi ppreżentat Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE – bil-għan li jitnaqqas it-tixrid tiegħu, biex jiġi ggwadanjat il-ħin biex tiġi mmobilizzata ż-żieda qawwija fil-kapaċità tal-isptarijiet, u biex jiġi skattat l-iżvilupp tal-vaċċin. Dan il-“brejk ta' emerġenza” jista' jintuża wkoll f'sitwazzjonijiet fejn is-sitwazzjoni epidemjoloġika tmur għall-aġar malajr u b'mod sever b'mod li jissuġġerixxi l-emerġenza ta' varjant ġdid tas-SARS-CoV-2 ta' tħassib jew ta' interess.

Meta Stat Membru jintroduċi rekwiżit biex jiġi ppreżentat Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE validu, jew meta jieħu miżuri addizzjonali f'konformità mal-proċedura tal-brejk ta' emerġenza, għandu jinforma malajr lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn kif xieraq permezz tan-network Integrat għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR) u jipprovdi informazzjoni dwar ir-raġunijiet, l-impatt mistenni, id-dħul fis-seħħ u t-tul ta' żmien ta' kwalunkwe restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar bħal din. Fl-aħħar, peress li l-mappa tad-dawl tat-traffiku¹⁷ kienet saret rappreżentazzjoni mhux adegwata tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-UE, il-Kummissjoni pproponiet it-tħassir tagħha.


B'mod ġenerali, l-approċċ intiż kien ta' suċċess: iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ffaċilita l-moviment liberu meta r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar tqiesu meħtieġa mill-Istati Membri, u, fl-istess ħin, ippermetta t-tneħħija koordinata ta' dawn ir-restrizzjonijiet mill-mument li kien possibbli. Ir-rekwiżiti biex jinżammu Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE għall-ivvjaġġar intra-UE naqsu hekk kif tjebet is-sitwazzjoni epidemjoloġika. Filwaqt li f'Marzu 2022, wara li ġie adottat ir-rapport preċedenti, 17-il Stat Membru kienu għadhom jirrikjedu li l-vjaġġaturi jkunu fil-pussess ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, dan in-numru kien naqas għal seba' Stati Membri f'Mejju 2022, u eventwalment għal zero Stati Membri f'Awwissu 2022¹⁸ (ara l-graff). Għaldaqstant, sa Awwissu 2022, l-Istati Membri kollha kienu neħħew ir-restrizzjonijiet kollha tal-ivvjaġġar intra-UE. Dan juri li, anke matul il-livelli għoljin momentarji ta' infezzjonijiet bħall-mewġa xprunata mis-subvarjanti Omicron BA.4 u BA.5 li ġew osservati matul is-sajf tal-

¹⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Rakkomandazzjoni (UE) 2022/107 dwar approċċ ikkoordinat biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19 (għadha mhix ippubblikata).

¹⁷ <https://www.ecdc.europa.eu/en/covid-19/situation-updates/weekly-maps-coordinated-restriction-free-movement>

¹⁸ Data bbażata fuq il-ġbir kontinwu ta' informazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u kkonfermata mill-Istati Membri fi sħarriġ imwettaq fin-Network tal-IPCR f'Novembru 2022. L-Istati Membri kollha minbarra BG u DK wieġbu għal dan l-isħarriġ.

2022, l-Istati Membri ma rawx li kien hemm il-ħtieġa li jergġhu jiddaħħlu restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar.



2.1.2. Informazzjoni riċevuta skont l-Artikolu 11 tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE

Ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jipprevedi li restrizzjonijiet addizzjonali fuq id-detenturi ta' iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE huma possibbli biss meta dawn ikunu neċessarji u proporzjonati għas-salvagwardja tas-saħħa pubblika bħala rispons għall-pandemija tal-COVID-19. L-Istati Membri għandhom l-obbligu li jinformaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn 48 siegħa bil-quddiem kull meta jiddeċiedu li jimponu restrizzjonijiet addizzjonali¹⁹. Fiż-żewġ rapporti preċedenti, il-Kummissjoni gābret fil-qosor in-notifiki li rċeviet skont din id-dispożizzjoni. L-ebda notifika ta' dan it-tip ma ntbaġħtet sa mill-aħħar Rapport f'Marzu 2022.

Il-Kummissjoni kompliet timmonitorja l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19. L-informazzjoni mill-Istati Membri dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ngābret permezz ta' tabelli ta' ħarsa ġenerali ppreżentati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u lill-Kunsill. Mit-tneħħija tal-aħħar restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar intra-UE f'Awwissu 2022, il-Kummissjoni waqqfet dan l-eżerċizzju ta' ġbir ta' informazzjoni iżda tista' terġa' tkompli jekk ikun meħtieġ.

¹⁹ L-Artikolu 11 tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

2.1.3. Segwitu għar-rapporti preċedenti: l-impatt fuq l-ivvjaġġar u t-turiżmu, l-aċċettazzjoni ta' tipi differenti ta' vaċċin, id-drittijiet fundamentali u n-nondiskriminazzjoni, kif ukoll il-protezzjoni tad-data personali

2.1.3.1. Drittijiet fundamentali u nondiskriminazzjoni

Ir-rapport ta' Marzu 2022 spjega kif ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jiżgura approċċ nondiskriminatorju billi jinkludi ċertifikati interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqa. Filwaqt li deċiżjoni dwar liema tipi ta' ċertifikati jaċċettaw l-Istati Membri tibqa' deċiżjoni politika tagħhom (fil-qasam tas-saħħa pubblika), ir-Regolament jiżgura li iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE maħruġin għall-istess avveniment mediku jiġu aċċettati, għall-finijiet ta' eżenzjonijiet mir-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu, taħt l-istess kundizzjonijiet. Din il-valutazzjoni għadha valida.

2.1.3.2. Aċċettazzjoni ta' tipi differenti ta' tilqimiet tal-COVID-19

2.1.3.2.1 Tilqimiet tal-COVID-19 li għaddejjin minn provi kliniċi

Kif spjegat f'aktar dettall fit-Taqsima 2.4.2 hawn taħt, meta ġie estiż ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill inkludew ukoll emenda li tippredvi li l-Istati Membri jistgħu joħroġu Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE lil persuni li jipparteċipaw fi provi kliniċi li għaddejjin għat-tilqimiet tal-COVID-19, u li dawn iċ-ċertifikati jistgħu jiġu aċċettati minn Stati Membri oħrajn sabiex jitneħħew ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu²⁰. Barra minn hekk, ir-Regolament jagħti lill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa ("HSC")²¹ il-kompitu li joħroġ gwida biex tkun żgurata l-koerenza fuq l-aċċettazzjoni ta' dawn iċ-ċertifikati madwar l-UE.

Il-Kummissjoni stabbiliet Grupp ta' Ħidma Tekniku tal-HSC dwar iċ-Ċertifikati tat-tilqim COVID Diġitali tal-UE maħruġa lill-partekipanti fil-provi kliniċi tal-COVID-19 bil-għan li jabbozza gwida dwar approċċ uniku. Il-"Gwida dwar l-aċċettazzjoni reċiproka taċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE maħruġa lill-partekipanti tal-provi kliniċi" riżultanti ġiet adottata mill-HSC fil-5 ta' Ottubru 2022²². Il-gwida tistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom jaċċettaw b'mod reċiproku ċertifikati għall-provi kliniċi kollha li għaddejjin, mingħajr distinzjoni. Dan l-approċċ għandu japplika għall-provi kliniċi kollha tal-UE/taż-ŻEE li huma disponibbli pubblikament fuq tilqimiet tal-COVID-19 li huma elenkati fil-Bażi tad-data tal-UE dwar il-provi kliniċi (EudraCT) jew fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Provi Kliniċi (CTIS), ġestita mill-Aġenzija Ewropea

²⁰ L-Artikolu 5(5), ir-raba' u l-ħames subparagrafu, tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

²¹ Għal aktar informazzjoni, ara l-Anness II.

²² https://health.ec.europa.eu/publications/guidance-mutual-acceptance-eu-digital-covid-certificates-issued-participants-clinical-trials-covid_mt

għall-Mediċini (EMA). Għandha tiġi meqjusa wkoll għażla limitata ta' provi internazzjonali ewlenin; madankollu, bħalissa dawn għadhom ma humiex inklużi.

2.1.3.2.2 Tilqimiet tal-COVID-19 li temmew il-proċedura ta' elenkar tal-użu ta' emerġenza tad-WHO

Kif previst fir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, l-Istati Membri huma obbligati jaċċettaw ċertifikati tat-tilqim għal tilqimiet li jkunu rċevew awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-UE fir-rigward tar-rinunzja tar-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu²³. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll²⁴, iżda ma humiex obbligati, li jneħħu r-restrizzjonijiet għall-vjaġġaturi li jkunu rċevew tilqima li tkun lestiet il-proċedura ta' elenkar għall-użu ta' emerġenza tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO)²⁵ jew li tkun ġiet awtorizzata fil-livell nazzjonali fi Stat Membru iehor²⁶.

Kif spjegat fir-rapport preċedenti, kien hemm aċċettazzjoni dejjem akbar mill-Istati Membri ta' tilqimiet li lestew il-proċedura ta' elenkar tal-użu ta' emerġenza tad-WHO. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-neħħija possibbli ta' tali restrizzjoni²⁷ diġà pprovdiet li l-Istati Membri għandhom ineħħu r-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE anke għal persuni mlaqqmin b'tilqima elenkata mid-WHO (għalkemm tali vjaġġaturi xorta jistgħu jkunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali).

Fil-proposta tagħha għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ġdida dwar l-ivvjaġġar fl-UE (li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill attwali 2020/912)²⁸, il-Kummissjoni ssuġġeriet li r-restrizzjonijiet kollha relatati mal-COVID-19 għall-vjaġġaturi lejn l-Unjoni għandhom jitneħħew, iżda, fejn rilevanti, għandhom jiġu aċċettati tilqimiet approvati mid-WHO. Biex jiġi ffaċilitat ulterjorment l-eżerċizzju tal-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE li jkunu ngħataw tilqima elenkata mid-WHO, u biex tiġi żgurata l-koerenza bejn l-ivvjaġġar lejn l-UE u l-ivvjaġġar intra-UE, il-Kummissjoni pproponiet, fl-aħħar aġġornament tagħha għall-approċ

²³ L-Artikolu 5(5), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. Lista disponibbli hawn: https://ec.europa.eu/info/live-work-travel-eu/coronavirus-response/safe-covid-19-vaccines-europeans_mt

²⁴ L-Artikolu 5(5), it-tieni subparagrafu tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

²⁵ <https://extranet.who.int/pqweb/key-resources/documents/status-covid-19-vaccines-within-who-eulpq-evaluation-process>

²⁶ Fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

²⁷ ĠU L 208I, 1.7.2020, p. 1.

²⁸ Il-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għall-ivvjaġġar lejn l-Unjoni matul il-pandemija tal-COVID-19 u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912, COM(2022) 680 final.

koordinat dwar l-ivvjaġġar fl-UE²⁹ (ara t-Taqsima 2.1.1 hawn fuq), li l-Istati Membri, fejn jintroduċu mill-ġdid ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar intra-UE, għandhom jingħataw ukoll ir-rakkomandazzjoni li jaċċettaw Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE maħruġin wara l-amministrazzjoni ta' tali tilqimiet. Dawn il-proposti tal-Kummissjoni ġew adottati mill-Kunsill fit-13 ta' Diċembru 2022³⁰.

2.1.3.3. Impatt fuq l-ivvjaġġar u t-turiżmu

Ir-rapport ta' Marzu 2022 spjega kif iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE kkontribwixxa b'mod pożittiv għar-restawr tal-ivvjaġġar internazzjonali lejn l-UE u lil hinn minnha, u inkluda wkoll *data* dwar titjiriet kummerċjali³¹. Sa minn dak iż-żmien, id-*data* turi li, fil-livell tal-UE, l-għadd ta' titjiriet kien ogħla fl-2022 milli fl-2021 fix-xhur kollha ħlief f'Jannar u fi Frar. Sa Ottubru 2022, it-traffiku tal-ajru rkupra għal -15 % tal-livell tal-2019. Skont l-aħħar tbassir tal-Eurocontrol, huwa mistenni li jirkupra bis-sħiħ għal-livelli tal-2019 f'xi punt fl-2024³².

2.1.3.4. Protezzjoni ta' data personali

Ir-rapport ta' Marzu 2022 kien jinkludi valutazzjoni tal-konformità tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*³³. Il-Kummissjoni żgurat ukoll li l-atti ta' implimentazzjoni u delegati kollha adottati skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament jikkonformaw mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data*. Din il-valutazzjoni għadha valida.

Fir-rigward tal-pajjiżi terzi konnessi mas-sistema (ara t-Taqsima 2.5.1), huwa importanti li jiġi ssottolinjat li l-pajjiżi parteċipanti jridu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar iċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tad-*data* – li l-infurzar tagħha huwa f'idejn awtoritajiet nazzjonali speċifiċi – meta jistabbilixxu u joperaw is-sistemi u s-servizzi nazzjonali tagħhom. Il-Kummissjoni tirrikjedi b'mod sistematiku lill-Istati Membri u lill-pajjiżi terzi kollha jissottomettu awtovalutazzjoni biex jipprovdu assigurazzjoni addizzjonali li l-pajjiż ikun ħa kont speċifiku tar-riskji partikolari, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data*. Jiġi applikat proċess rigoruż ta' "onboarding" għall-pajjiżi parteċipanti kollha, u kwalunkwe nuqqas ta' konformità

²⁹ Il-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li temenda r-Rakkomandazzjoni (UE) 2022/107 dwar approċċ ikkoordinat biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19, COM(2022) 681 final.

³⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Rakkomandazzjoni (UE) 2022/107 dwar approċċ ikkoordinat biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19 (għadha mhix ippubblikata).

³¹ Eurostat, "Commercial flights by reporting country – monthly data", 10.2.2022, disponibbli fuq https://appsso.eurostat.ec.europa.eu/nui/show.do?dataset=avia_tf_cm&lang=en

³² <https://www.eurocontrol.int/sites/default/files/2022-10/eurocontrol-seven-year-forecast-2022-2028-october-2022.pdf>

³³ Ara t-Taqsima 2.2 tar-rapport ta' Marzu 2022.

ma' kwalunkwe wieħed minn dawn ir-rekwiżiti jipprevjeni l-konnessjoni mal-qafas taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

2.1.4. Informazzjoni oħra dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE

Mir-rapport ta' Marzu 2022, il-Qorti Ġenerali ħarġet diversi ordnijiet rigward ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

*Abenante et vs Il-Parlament u Il-Kunsill*³⁴ kienet tikkonċerna azzjoni għall-annullament tar-Regolament. Ir-rikorrenti allegaw li r-Regolament kien jorbot l-eżerċizzju tal-moviment liberu mal-obbligu li wieħed jgħaddi minn kura tas-saħħa invażiva, jiġifieri t-tilqim u l-ittestjar tal-COVID-19. Ir-rikorrenti allegaw ukoll li r-Regolament kien jiddiskrimina kontra ċ-ċittadini tal-UE li ma humiex imlaqqmin.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-azzjoni bħala inammissibbli, filwaqt li kkunsidrat li r-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE sempliċiment jistabbilixxi qafas komuni għall-ħruġ, il-verifika u l-aċċettazzjoni ta' ċertifikati interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqa, iżda ma jistipulax obbligu li wieħed jitlaqqam kontra l-COVID-19 jew li jagħmel test, u lanqas obbligu li jkun fil-pussess ta' tali ċertifikat biex jeżerċita d-dritt għall-moviment liberu³⁵. Kwalunkwe obbligu bħal dan bħala kundizzjoni għad-dħul fit-territorju ta' Stat Membru jirriżulta biss mil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri³⁶.

Il-Qorti Ġenerali osservat ukoll li r-Regolament jippermetti distinzjoni bejn iċ-ċertifikati tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqa, skont l-għażliet magħmulin minn kull Stat Membru. Ir-Regolament jistabbilixxi obbligu fuq l-Istati Membri li jaċċettaw iċ-ċertifikati inkwistjoni, fejn jirrinunzjaw ċerti restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar għal persuni li għandhom prova tat-tilqim, tat-test jew tal-fejqa³⁷.

Il-Qorti Ġenerali enfasizzat ukoll li, jekk jiġi annullat ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, l-Istati Membri xorta waħda jistgħu jirrestrinġu l-ivvjaġġar għal raġunijiet ta' ħarsien tas-saħħa pubblika billi jorbtuh mal-kundizzjoni li tingħata prova ta' tilqim, test jew fejqa. Fl-istess ħin, f'dak il-każ, l-Istati Membri ma jibqgħux obbligati jaċċettaw ċertifikati maħruġin minn Stati Membri oħrajn. Għalhekk, l-annullament ikollu l-effett li jċaħħad lill-

³⁴ Id-digriet tad-29 ta' April 2022, *Abenante et vs Il-Parlament u Il-Kunsill*, T-527/21, EU:T:2022:278.

³⁵ Id-digriet tad-29 ta' April 2022, *Abenante et vs Il-Parlament u Il-Kunsill*, T-527/21, EU:T:2022:278, il-punt 21.

³⁶ Id-digriet tad-29 ta' April 2022, *Abenante et vs Il-Parlament u Il-Kunsill*, T-527/21, EU:T:2022:278, il-punti 22.

³⁷ Id-digriet tad-29 ta' April 2022, *Abenante et vs Il-Parlament u Il-Kunsill*, T-527/21, EU:T:2022:278, il-punti 25-26.

vjaġġaturi mill-possibbiltà li jippreżentaw ċertifikat ta' tilqim, test jew fejqan maħruġ mill-Istat Membru tal-orijini tagħhom sabiex jissodisfaw l-obbligi imposti minn Stat Membru ieħor³⁸.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ċaħdet żewġ kawżi³⁹ li jikkontestaw ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2288 tal-21 ta' Diċembru 2021, li stabbilixxa perjodu ta' aċċettazzjoni vinkolanti ta' 270 jum għaċ-ċertifikati ta' tilqim li jkopru s-serje ta' tilqim primarju, għall-finijiet tal-ivvjaġġar intra-UE. Fiż-żewġ kawżi, ir-rikorrenti affermaw li r-Regolament Delegat mar lil hinn mis-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni u affettwa d-dritt tagħhom għall-moviment liberu b'mod sproporzjonat. Il-Qorti Ġenerali kienet tal-fehma li ż-żewġ azzjonijiet kienu inammissibbli, u għal darb'oħra saħqet li r-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, inkluż kif immodifikat bir-Regolament Delegat, ma jimponix obbligu li jiġi ppreżentat Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE biex jiġi eżerċitat id-dritt għall-moviment liberu. L-istess japplika għall-konsegwenzi li l-Istati Membri jisiltu mill-invalidità ta' dawn iċ-ċertifikati mal-iskadenza tal-perjodu ta' aċċettazzjoni ta' 270 jum⁴⁰. Ir-Regolament Delegat ma jinkludi l-ebda obbligu, lanqas indirett, li wieħed jiehū doża booster mal-iskadenza tal-perjodu ta' aċċettazzjoni tas-serje ta' tilqim primarja⁴¹.

Fl-aħħar, kif spjegat fir-rapport ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni kontinwament fittxet li tipprovdli liċ-ċittadini b'informazzjoni preċiża u faċli għall-utent dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, pereżempju billi stabbiliet il-pjattaforma Re-open EU⁴² u billi ppubblikat tveġibiet għall-aktar mistoqsijiet frekwenti dwar dawn is-suġġetti. Il-pjattaforma Re-open EU tjeibet kontinwament f'termini ta' użu u rat madwar 44,7 miljun żjara minn meta ġiet ippubblikata f'Ġunju 2020, li tagħti medja ta' 51 500 żjara kuljum. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pprovdiet kontribut liċ-Ċentri ta' Kuntatt Europe Direct⁴³, li wiegħbu għal 55 725 mistoqsija relatati mal-pandemija tal-coronavirus (inklużi ħafna mistoqsijiet dwar ir-regoli tal-ivvjaġġar) fl-2021⁴⁴.

2.2. Użu taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għal skopijiet domestiċi

Ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jkopri l-użu taċ-ċertifikat biex jiffaċilita l-ivvjaġġar fl-UE tul il-pandemija tal-COVID-19. Kif spjegat fir-rapporti preċedenti, id-dritt tal-Unjoni la jippreskrivi u lanqas jipprojbixxi l-użu domestiku taċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE. Dawn ifisser li l-Istati Membri jibqgħu dawki li jiddeċiedu dwar l-użu domestiku

³⁸ Id-digriet tad-29 ta' April 2022, *Abenante et vs Il-Parlament u Il-Kunsill*, T-527/21, EU:T:2022:278, il-punti 33.

³⁹ Id-digriet tas-7 ta' Ottubru 2022, *OG et vs Il-Kummissjoni*, T-101/22, mhux ippubblikat; u d-digriet tas-7 ta' Ottubru 2022, *ON vs Il-Kummissjoni Ewropea*, T-103/22, mhux ippubblikat.

⁴⁰ Id-digriet tas-7 ta' Ottubru 2022, *OG et vs Il-Kummissjoni*, T-101/22, mhux ippubblikat, il-punti 11.

⁴¹ Id-digriet tas-7 ta' Ottubru 2022, *OG et vs Il-Kummissjoni*, T-101/22, mhux ippubblikat, il-punti 13-14.


⁴² <https://reopen.europa.eu/>

⁴³ https://european-union.europa.eu/contact-eu/write-us/answering-your-questions_mt

⁴⁴ https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/edcc_annual_activity_report_2021.pdf

taċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE. Huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeterminaw liema miżuri ta' protezzjoni tas-saħħa jqisu l-aktar xierqa fil-kuntest tal-aċċess, pereżempju, għall-post tax-xogħol, l-avvenimenti kulturali, ir-ristoranti, eċċ. L-Istati Membri jistgħu tabilħaqq jużaw iċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE għal skopijiet domestiċi bħal dawn, iżda huma meħtieġa jipprevedu bażi ġuridika fil-liġi nazzjonali, li trid tikkonforma, fost l-oħrajn, mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data*.


Fi sħarriġ imwettaq f'Novembru 2022, l-Istati Membri⁴⁵ kollha li rrispondew indikaw li użaw iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għal tali skopijiet. L-Istati Membri użaw b'mod l-aktar komuni iċ-ċertifikat għall-aċċess għal avvenimenti, attivitajiet kulturali jew għal ristoranti. Ħafna Stati Membri użaw ukoll iċ-ċertifikat għall-aċċess għall-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa, għaċ-ċentri tal-benesseri jew għal-lukandi. Barra minn hekk, iċ-ċertifikat spiss intuża bħala prova tat-tilqim, tat-test jew tal-fejqa f'kuntest mediku. Anqas komuni, iċ-ċertifikat intuża għall-aċċess għall-post tax-xogħol jew għall-iskejjel/universitajiet, jew għat-trasport pubbliku.



B'mod simili għall-użu għall-ivvjaġġar intra-UE, l-użu domestiku taċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE naqas hekk kif tjiebet is-sitwazzjoni epidemjoloġika. F'Marzu 2022, wara li ġie adottat ir-rapport ta' Marzu 2022, 18-il Stat Membru xorta indikaw li kienu qed jagħmlu użu miċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għal skopijiet domestiċi. Dan in-numru kien naqas għal disa' Stati Membri f'Mejju 2022, u eventwalment għal ħames Stati Membri f'Awwissu 2022 (ara l-

⁴⁵ Data bbażata fuq sħarriġ imwettaq fin-Network tal-IPCR f'Novembru 2022. L-Istati Membri kollha minbarra l-Bulgarija u d-Danimarka wieġbu għal dan l-isħarriġ.

graff) ⁴⁶. Dawk il-ħames Stati Membri li jifdal jużaw iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għal każijiet ta' użu limitat, jiġifieri aċċess għal faċilitajiet tal-kura tas-saħħa u djar tal-kura.



2.3. Implimentazzjoni teknika

2.3.1. Għadd ta' Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE maħruġin

Sal-31 ta' Ottubru 2022, l-Istati Membri kienu ħarġu aktar minn 2,2 biljun Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, magħmulin minn 1,4 biljun ċertifikat tat-tilqim, 660,8 miljun ċertifikat tat-test, u 96,4 miljun ċertifikat ta' fejqan. Diżaggregazzjoni dettaljata għal kull Stat Membru hija inkluża fl-Anness I.

2.3.2. Gateway tal-UE u l-ħidma fil-livell tekniku

2.3.2.1. Żviluppi mir-rapport ta' Marzu 2022

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, l-istandards u l-linji gwida għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni komuni taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ġew żviluppati b'mod konġunt mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri fi ħdan il-qafas tan-Network e-Saħħa⁴⁷. L-ispeċifikazzjonijiet

⁴⁶ Il-bqija tal-Istati Membri huma DE, ES, IT, CY u AT. ES għandha regolamenti territorjali speċifiċi, li jfisser li xi reġjuni biss għadhom jużaw iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE domestikament.

⁴⁷ In-Network e-Saħħa huwa network volontarju li jgħaqqad flimkien l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-e-Saħħa maħturin mill-Istati Membri, stabbilit fuq il-bażi tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2011/24/UE.

kollha żviluppati min-Network e-Saħħa huma bbażati fuq standards miftuħin u huma ppubblikati bħala sors miftuħ fuq is-sit web tan-Network e-Saħħa⁴⁸ u fuq GitHub⁴⁹. Dan iffaċilita l-interoperabbiltà mas-sistemi żviluppati minn pajjiżi terzi.

Minn Marzu 2022, il-ħidma fil-livell tekniku biex tittejjeb ulterjorment is-sistema taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE inkludiet l-adozzjoni ta' mekkaniżmu għall-iskambju awtomatiku ta' listi ta' Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE revokati permezz tal-Gateway taċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE, il-parti ċentrali tal-qafas ta' fiduċja. Dan inkluda wkoll aġġornament għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi biex jiġu riflessi l-possibbiltajiet il-ġodda inklużi fl-estensjoni taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE rigward il-ħruġ ta' ċertifikati ta' tilqim għall-provi kliniċi li għaddejjin u l-ħruġ ta' ċertifikati ta' fejqan u ta' ttestjar abbażi ta' testijiet tal-antiġeni bbażati fil-laboratorju.

2.3.2.1. Mekkaniżmu għall-iskambju ta' listi ta' ċertifikati revokati

Ir-revoka taċ-ċertifikati tista' tgħin sabiex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa pubblika meta ċ-ċertifikati jkunu nħarġu bi żball, bħala riżultat ta' frodi jew wara s-sospensjoni ta' lott tat-tilqima kontra l-COVID-19 li jinstab li jkun difettuż. F'dan il-kuntest, ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE diġà ppreveda li l-qafas ta' fiduċja tiegħu jista' jappoġġa l-iskambju bilaterali ta' listi ta' revoki taċ-ċertifikati, li huma listi li jkun fihom l-identifikaturi uniċi taċ-ċertifikati ta' ċertifikati revokati⁵⁰. Il-listi ta' revoka taċ-ċertifikati skambjati ma għandu jkollhom l-ebda *data* personali apparti l-identifikaturi uniċi taċ-ċertifikati.

Sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju awtomatiku transfruntier tal-listi ta' revoka taċ-ċertifikati permezz tal-Gateway ċentrali taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-privatezza tad-*data* u tal-protezzjoni tad-*data*, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, żviluppat l-ispeċifikazzjonijiet tal-mekkaniżmu ta' revoka, li huma stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/483⁵¹. Il-mekkaniżmu ta' revoka jikkonsisti f'żewġ partijiet. L-ewwel parti tikkonċerna l-Gateway taċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE u hija vinkolanti fl-applikazzjoni tagħha. It-tieni parti hija relatata ma' kif l-Istati Membri jqassmu l-listi ta' revoka mill-infrastruttura nazzjonali tagħhom lill-applikazzjonijiet ta' verifikatur tagħhom u ma hijiex vinkolanti. Għal dawn tal-aħħar, l-Istati Membri huma liberi li jagħżlu fost firxa ta' għażliet differenti, li kollha jqisu t-tħassib dwar il-privatezza.

⁴⁸ https://ec.europa.eu/health/ehealth/covid-19_mt

⁴⁹ <https://github.com/eu-digital-green-certificates>

⁵⁰ L-Artikolu 4(2) tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

⁵¹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/483 tal-21 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1073 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u regoli għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' fiduċja għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 98, 25.3.2022, p. 84).

2.3.2.1. Bidliet fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi bħala riżultat tar-Regolament (UE) 2022/1034

Kif spjegat f'aktar dettall fit-Taqsimiet 2.4.1 u 2.4.2, l-emenda li testendi r-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE tippermetti wkoll il-ħruġ ta' ċertifikati għal tilqimiet tal-COVID-19 li jkunu għaddejjin minn provi kliniċi u l-ħruġ ta' ċertifikati ta' fejqan u tat-test abbażi ta' testijiet tal-antiġeni bbażati fil-laboratorju. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1516⁵² ġiet adottata biex tirrifletti dawn il-bidliet fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u fir-regoli biex jimtela ċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, ikkumplementata minn verżjoni aġġornata tal-Linji Gwida dwar is-Settijiet tal-Valur għaċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE⁵³.

2.3.2.2. Kodifikazzjoni ta' tilqimiet adattati tal-COVID-19

Wara r-rakkomandazzjonijiet mill-EMA⁵⁴, il-Kummissjoni adottat, fl-1 ta' Settembru 2022, deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni fl-UE kollha tat-tilqimiet adattati tal-COVID-19 Comirnaty Original/Omicron BA.1⁵⁵ u Spikevax bivalent Original/Omicron BA.1⁵⁶, li huma verżjonijiet adattati tat-tilqimiet oriġinali Comirnaty (Pfizer/BioNTech) u Spikevax (Moderna) biex jimmiraw għas-subvarjant Omicron BA.1 flimkien mar-razza oriġinali tas-SARS-CoV-2. Aktar tard dak ix-xahar, il-Kummissjoni awtorizzat ukoll it-tilqima Comirnaty Original/Omicron BA.4-5, tilqima tal-COVID-19 adattata mmirata lejn is-subvarjanti tal-Omicron BA.4 u BA.5 flimkien mar-razza oriġinali tas-SARS-CoV-2⁵⁷, wara rakkomandazzjoni korrispondenti mill-EMA⁵⁸. Bi

⁵² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1516 tat-8 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1073 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u regoli għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' fiduċja għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 235, 12.9.2022, p. 61).

⁵³ https://health.ec.europa.eu/system/files/2022-11/eu-dcc-value-sets_en.pdf

⁵⁴ <https://www.ema.europa.eu/en/news/first-adapted-covid-19-booster-vaccines-recommended-approval-eu>

⁵⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-1.9.2022 li temenda l-awtorizzazzjoni kondizzjonali għat-tqegħid fis-suq għal "Comirnaty - tozinameran, Vaċċin tal-mRNA tal-COVID-19 (b'nucleoside modifikat), prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem, mogħti bid-Deċiżjoni C(2020) 9598(final) (C(2022) 6459 final).

⁵⁶ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-1.9.2022 li temenda l-awtorizzazzjoni kondizzjonali għat-tqegħid fis-suq għal "Spikevax - elasomeron, prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem, mogħti bid-Deċiżjoni C(2021) 94(final) (C(2022) 6458 final).

⁵⁷ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-12.9.2022 li temenda l-awtorizzazzjoni kondizzjonali għat-tqegħid fis-suq għal "Comirnaty - tozinameran, Vaċċin tal-mRNA tal-COVID-19 (b'nucleoside modifikat), prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem, mogħti bid-Deċiżjoni C(2020) 9598(final) (C(2022) 6632 final).

⁵⁸ <https://www.ema.europa.eu/en/news/adapted-vaccine-targeting-ba4-ba5-omicron-variants-original-sars-cov-2-recommended-approval>

Spikevax bivalent Original/Omicron BA.4-5, il-Kummissjoni awtorizzat it-tieni tilqima bivalent Original/Omicron BA.4-5 fl-20 ta' Ottubru 2022⁵⁹.

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Kumitat tas-Sigurtà tas-Saħħa dwar il-mistoqsija dwar kif għandhom jiġu kkodifikati dawn it-tilqimiet adattati fiċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. B'reazzjoni għal dan, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma rawx hteġa qawwija li ssir distinzjoni, fiċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, bejn tilqimiet adattati u l-verżjoni oriġinali tagħhom għall-finijiet tal-iffaċilitar tal-moviment liberu. Fl-istess ħin, ħafna Stati Membri jagħmlu distinzjoni bejn it-tipi differenti ta' tilqimiet fis-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali jew fil-bażijiet tad-*data* tagħhom għal skopijiet oħrajn, b'mod partikolari l-farmakoviġilanza u s-saħħa pubblika. B'riżultat ta' dan, it-tilqimiet adattati tal-COVID-19 huma kodifikati fiċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE bl-istess mod bħall-verżjoni oriġinali korrispondenti. Għal raġunijiet ta' tħejjija, in-Network e-Saħħa madankollu ħejja proposta dwar kif tali tilqimiet adattati jistgħu jiġu kkodifikati b'mod differenti, jekk ikun hemm deċiżjoni li tali distinzjoni tkun meħtieġa.

Fil-Linji Gwida aġġornati tan-Network e-Saħħa dwar is-Settijiet tal-Valur għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ppubblikati fid-19 ta' Ottubru 2022⁶⁰, il-kodifikazzjoni ta' tilqimiet adattati tal-COVID-19 hija deskritta kif spjegat hawn fuq.

2.3.2.1. Kodifikazzjoni tat-tilqimiet tal-COVID-19 bi tliet dożi primarji

Wara r-rakkomandazzjoni tal-EMA⁶¹, il-Kummissjoni approvat, fl-20 ta' Ottubru 2022, formulazzjonijiet pedjatriċi tat-tilqimiet tal-COVID-19 Comirnaty⁶² u Spikevax⁶³ għal tfal mill-età ta' 6 xhur. Fil-każ ta' Comirnaty, it-tilqim primarju jikkonsisti fi tliet dożi, bid-dożi individwali jkunu aktar baxxi meta mqabblin ma' daww għal gruppi ta' età diġà awtorizzati. Qabel, it-tilqimiet tal-COVID-19 approvati mill-UE kienu tilqimiet b'doża waħda jew b'żewġ dożi.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ċċarat il-kodifikazzjoni ta' din il-formulazzjoni pedjatrika bi tliet dożi ta' Comirnaty fiċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE lill-Istati Membri u lir-

⁵⁹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-20.10.2022 li temenda l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għal Spikevax - elasomeron, prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem, mogħti bid-Deċiżjoni C(2022) 7163(final). Ir-rakkomandazzjoni tal-EMA (C(2022) 7632 final) disponibbli hawnhekk: <https://www.ema.europa.eu/en/news/ema-recommends-approval-second-adapted-spikevax-vaccine>

⁶⁰ https://health.ec.europa.eu/system/files/2022-11/eu-dcc-value-sets_en.pdf

⁶¹ <https://www.ema.europa.eu/en/news/ema-recommends-approval-comirnaty-spikevax-covid-19-vaccines-children-6-months-age>

⁶² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-20.10.2022 li temenda l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għal Comirnaty - tozinameran, Vaċċin tal-mRNA tal-COVID-19 (b'nucleoside modifikat), prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem, mogħti bid-Deċiżjoni C(2022) 7342(final) (C(2022) 7630 final).

⁶³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-20.10.2022 li temenda l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għal Spikevax - elasomeron, prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem, mogħti bid-Deċiżjoni C(2022)7163(final) (C(2022) 7632 final).

rappreżentanti ta' pajjiżi u territorji terzi konnessi mal-Gateway taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE⁶⁴. Din il-kjarifika ma kinitx tirrikjedi modifika tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

2.4. Żviluppi fir-rigward taċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE

2.4.1. Estensjoni: l-inklużjoni ta' testijiet tal-antiġeni bbażati fil-laboratorju

Qabel l-estensjoni tiegħu, ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ppreveda li ċ-ċertifikati tat-testijiet jistgħu jinħarġu fuq il-bażi ta' żewġ tipi ta' testijiet tal-infezzjoni tas-SARS-CoV-2 biss, jiġifieri t-test ta' amplifikazzjoni tal-aċidu nukleiku molekulari (testijiet NAAT), inklużi dawk li jużaw traskrizzjoni inversa u reazzjoni katina bil-polimerażi (RT-PCR), u testijiet rapidi tal-antiġeni, li jaħdmu billi jaqbdun proteini virali (antiġeni) permezz ta' immunoassaġġ tal-fluss laterali li jagħti riżultati f'anqas minn 30 minuta, dment li jsiru minn professjonisti tas-saħħa jew minn persunal tal-ittestjar imħarreġ. Meta ġie estiż ir-Regolament, il-Parlament u l-Kunsill inkludew assaġġi tal-antiġeni bbażati fuq il-laboratorju ta' kwalità għolja fost it-tipi ta' testijiet li għalihom jista' jinħareġ Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, biex jitwessa' l-ambitu tat-tipi ta' testijiet dijanjostiċi fi żmien meta t-testijiet tal-COVID-19 ikunu meħtieġa hafna⁶⁵.

Tabilħaqq, minn Lulju 2021, il-grupp ta' ħidma tekniku dwar it-testijiet dijanjostiċi tal-COVID-19, li huwa responsabbli mit-tħejjija tal-aġġornamenti tal-lista komuni tal-UE tat-testijiet rapidi tal-antiġeni tal-COVID-19 bi qbil mal-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, beda jirrieżamina l-proposti ppreżentati mill-Istati Membri u mill-manifatturi tal-assaġġi tal-antiġeni tal-COVID-19 ibbażati fil-laboratorju. Dawn il-proposti huma vvalutati skont l-istess kriterji bħal dawk użati għat-testijiet rapidi tal-antiġeni, u l-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa stabbilixxa lista tal-assaġġi antiġeniċi bbażati fil-laboratorju li jissodisfaw dawk il-kriterji.

B'riżultat ta' dan, l-Istati Membri issa jistgħu joħorġu ċertifikati tat-test u ċertifikati ta' fejqan⁶⁶ abbażi tal-assaġġi antiġeniċi bbażati fil-laboratorju inklużi fil-lista komuni tal-UE tat-testijiet tal-antiġeni tal-COVID-19⁶⁷.

⁶⁴ L-amministrazzjoni tal-ewwel doża għandha tiġi kkodifikata bħala "1/3", it-tieni doża bħala "2/3", u t-tielet doża għandha tiġi kkodifikata bħala "3/3". Minħabba l-età tat-tfal imlaqqmin, jista' jiġi identifikat li 3/3 ma hijiex booster iżda l-finalizzazzjoni taċ-ċiklu primarju.

⁶⁵ L-Artikolu 2(5)(b) tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

⁶⁶ Wara l-adozzjoni tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/256 tat-22 ta' Frar 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ħruġ ta' ċertifikati tal-fejqan ibbażati fuq testijiet rapidi tal-antiġeni (ĠU L 42, 23.2.2022, p. 4), li jipprovdi li ċ-ċertifikati ta' fejqan jistgħu jinħarġu wkoll wara riżultat pożittiv ta' test rapidu tal-antigen elenkat fil-lista komuni tal-UE u mwettaq minn professjonisti tas-saħħa jew minn persunal tal-ittestjar tas-sengħa mill-Istat Membru fejn ikun twettaq it-test.

⁶⁷ https://health.ec.europa.eu/system/files/2022-11/covid-19_eu-common-list-antigen-tests_en.pdf

2.4.2. Estensjoni: inklużjoni ta' ċertifikati tat-tilqim għall-parteċipanti fi provi kliniċi

Fid-dawl tal-emerġenza ta' varjanti ġodda tas-SARS-CoV-2 ta' tħassib, se jkun fattur kruċjali li jibqgħu jsiru żviluppi u studji tat-tilqimiet kontra l-COVID-19 fil-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19. F'dak il-kuntest, huwa importanti li tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-volontiera fi provi kliniċi, jiġifieri, studji li jsiru biex jiġu investigati s-sikurezza jew l-effikaċja ta' mediċina, bħat-tilqima kontra l-COVID-19. Ir-riċerka klinika għandha rwol fundamentali fl-iżvilupp tat-tilqimiet u għalhekk għandha tiġi mħeġġa l-parteċipazzjoni volontarja fil-provi kliniċi. Il-fatt li parteċipanti fil-provi kliniċi jiġu mċaħħda mill-aċċess għaċ-ċertifikati tat-tilqim jista' jikkostitwixxi diżinċentiv kbir għall-parteċipazzjoni f'dawn il-provi, li jdewwem il-konklużjoni ta' tali provi u, b'mod aktar ġenerali, iħalli impatt negattiv fuq is-saħħa pubblika. Għalhekk, il-Kummissjoni riedet tiffaċilita u tħeġġeġ il-parteċipazzjoni fil-provi kliniċi.

L-estensjoni tar-Regolament tipprevedi⁶⁸ li l-Istati Membri jistgħu joħorġu Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE lil persuni li jipparteċipaw fi provi kliniċi li għaddejjin għat-tilqimiet tal-COVID-19 li għadhom ma nġhatawx awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq, irrispettivament minn jekk il-parteċipant irċevix il-kandidat għat-tilqima tal-COVID-19 jew id-doża amministrata lill-grupp ta' kontroll, sakemm il-prova tkun ġiet approvata mill-kumitati etiċi tal-Istati Membri u mill-awtoritajiet kompetenti. Dawn iċ-ċertifikati jistgħu jiġu aċċettati minn Stati Membri oħrajn sabiex jitneħħew ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu, sakemm il-perjodu ta' aċċettazzjoni tagħhom ma jkunx skada jew ma jkunx ġie rrevokat wara l-konklużjoni tal-prova klinika, b'mod partikolari minħabba li t-tilqima kontra l-COVID-19 sussegwentement ma kinitx awtorizzata jew li iċ-ċertifikati tat-tilqim inħarġu għal plaċebo mogħti lill-grupp ta' kontroll bħala parti minn prova fl-għama.

Kif spjegat fit-Taqsima 2.1.3.2.1 hawn fuq, il-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa adotta gwida dwar approċċ reċiproku għall-aċċettazzjoni ta' dawn iċ-ċertifikati fil-5 ta' Ottubru 2022⁶⁹, li tinkludi lista ta' provi kliniċi li għaddejjin li l-Istati Membri jaqblu li jaċċettaw b'mod reċiproku, li għandha tiġi aġġornata meta jkun meħtieġ.

2.4.3. Perjodu ta' validità taċ-ċertifikati tat-tilqim

Kif spjegat fir-rapport ta' Marzu 2022, f'Diċembru 2021, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat (UE) 2021/2288 li jistabbilixxi perjodu ta' aċċettazzjoni vinkolanti ta' 270 jum għaċ-ċertifikati tat-tilqim li jkopru s-serje ta' tilqim primarju ġie stabbilit għall-finijiet tal-ivvjaġġar

⁶⁸ L-Artikolu 5(5), ir-raba' u l-ħames subparagrafu, tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

⁶⁹ https://health.ec.europa.eu/publications/guidance-mutual-acceptance-eu-digital-covid-certificates-issued-participants-clinical-trials-covid_mt

intra-UE⁷⁰. Dawn iċ-ċertifikati għalhekk ma għandhomx jiġu aċċettati jekk ikunu għaddew aktar minn 270 jum mill-aħħar doża.

Fid-29 ta' Marzu 2022⁷¹, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat (UE) 2022/503 li jeżenta lill-minorenni mill-perjodu ta' aċċettazzjoni ta' 270 jum għaċ-ċertifikati tat-tilqim primarju. Għalkemm l-EMA rrakkomandat l-għoti ta' tilqimiet għall-adolexxenti ta' 12-il sena jew aktar, hija nnotat ukoll li kien f'idejn l-esperti li jiggwidaw il-kampanja ta' tilqim f'kull Stat Membru biex jagħtu pariri dwar l-aħjar deċiżjoni u żmien għall-pajjiż tagħhom. Meta ġew ikkonsultati mill-Kummissjoni, għadd kbir ta' Stati Membri qiesu li, irrISPettivament minn jekk it-tilqim booster kienx offrut lill-minorenni fuq livell nazzjonali, kien xieraq li dawn il-minorenni jiġu eżentati mill-perjodu ta' aċċettazzjoni standard.

Il-perjodu massimu ta' aċċettazzjoni ta' 270 jum bħalissa ma japplikax għaċ-ċertifikati ta' tilqim maħruġin għal dożi booster – irrISPettivament minn jekk ikunux inħarġu wara l-għoti tal-ewwel jew tat-tieni doża booster – jiġifieri li bħalissa għandhom jiġu aċċettati mingħajr data ta' skadenza.

2.4.4. Kwistjonijiet oħrajn

Mir-rapport ta' Marzu 2022 'l hawn ma ħarġet l-ebda evidenza xjentifika ġdida biex tiġġustifika bidla fil-politika biex ma jinħarġux ċertifikati ta' fejqan ibbażati fuq riżultati minn testijiet tal-antikorpi. Ir-raġunijiet stabbiliti f'dak ir-rapport jibqgħu aġġornati. Bl-istess mod, ma hemm l-ebda bidla fil-pożizzjoni rigward il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati ta' fejqan.

2.5. Aspetti internazzjonali tas-sistema taċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE

2.5.1. Konnessjoni bejn l-Ewropa u pajjiżi terzi

Ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jistipula li l-Kummissjoni tista' toħroġ deċiżjoni li tistabbilixxi li ċ-ċertifikati ta' pajjiżi terzi iridu jitqiesu bħala ekwivalenti għaċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE ("deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza") bil-għan li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt tad-detenturi tagħhom għal moviment liberu⁷². Dan iwassal biex il-pajjiżi terzi ikkonċernat jiġi konness mal-Gateway tal-UE. Informazzjoni dettaljata dwar dan il-proċess tista' tinstab fir-rapport ta' Ottubru 2021.

⁷⁰ Il-Kummissjoni kienet diġà inkludiet proposta għal perjodu ta' aċċettazzjoni standard ta' disa' xhur fil-proposta tagħha tal-25 ta' Novembru 2021 għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ koordinat biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19, u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475.

⁷¹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/503 tad-29 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjoni tal-minorenni mill-perjodu ta' aċċettazzjoni taċ-ċertifikati tat-tilqim maħruġin fil-format taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE (ĠU L 102, 30.3.2022, p. 8).

⁷² L-Artikolu 8(2) tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

Minbarra s-27 Stat Membru, **49 pajjiż u territorju mhux tal-UE** ġew ikkollegati mas-sistema taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE bil-għan li jiġi ffaċilitat id-dritt ta' moviment liberu fi ħdan l-UE. Dan itella' n-**numru totali** ta' pajjiżi u territorji konnessi mas-sistema taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għal **76**, li jagħmilha l-akbar sistema ta' ċertifikati tal-COVID-19 interoperabbli madwar id-dinja kollha.

Mill-adozzjoni tar-rapport ta' Marzu 2022 u sal-aħħar ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat deċiżjonijiet ta' ekwivalenza addizzjonali rigward il-Bahrain⁷³, il-Brażil⁷⁴, il-Kolombja⁷⁵,

⁷³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1099 tat-30 ta' Ġunju 2022 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa mir-Renju tal-Bahrain maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 176, 1.7.2022, p. 73).

⁷⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1948 tat-13 ta' Ottubru 2022 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa mir-Repubblika Federattiva tal-Brażil maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 268, 14.10.2022, p. 43).

⁷⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/533 tal-1 ta' April 2022 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġin mir-Repubblika tal-Kolombja maċ-ċertifikati maħruġin f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 105, 4.4.2022, p. 60).

l-Ekwador⁷⁶, l-Indoneżja⁷⁷, ir-Repubblika tal-Korea⁷⁸⁷⁹, il-Kosovo^{*80}, il-Madagascar⁸¹, il-Malażja⁸², l-Oman⁸³, il-Perù⁸⁴, il-Filippini⁸⁵, is-Seychelles⁸⁶ u l-Vjetnam⁸⁷.

- ⁷⁶ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1100 tat-30 ta' Ġunju 2022 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa mir-Repubblika tal-Ekwador maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 176, 1.7.2022, p. 76).
- ⁷⁷ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/726 tal-10 ta' Mejju 2022 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġin mir-Repubblika tal-Indoneżja maċ-ċertifikati maħruġin f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 134, 11.5.2022, p. 34).
- ⁷⁸ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1096 tat-30 ta' Ġunju 2022 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġin mir-Repubblika tal-Korea maċ-ċertifikati maħruġin f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 176, 1.7.2022, p. 66).
- ⁷⁹ Rettifika C2022/5580 għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1096 tat-30 ta' Ġunju 2022 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġin mir-Repubblika tal-Korea maċ-ċertifikati maħruġin f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 201, 1.8.2022, p. 74).
- ^{*} Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999, u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.
- ⁸⁰ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1098 tat-30 ta' Ġunju 2022 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġin mill-Kosovo maċ-ċertifikati maħruġin f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 176, 1.07.2022, p. 70).
- ⁸¹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1097 tat-30 ta' Ġunju 2022 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġin mir-Repubblika tal-Madagascar maċ-ċertifikati maħruġin f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 176, 1.07.2022, p. 67).
- ⁸² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/534 tal-1 ta' April 2022 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġin mill-Malażja maċ-ċertifikati maħruġin f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 105, 4.4.2022, p. 63).
- ⁸³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1339 tad-29 ta' Lulju 2022 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġa mis-Sultanat tal-Oman maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 201, 1.8.2022, p. 57).
- ⁸⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1340 tad-29 ta' Lulju 2022 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġin mir-Repubblika tal-Perù maċ-ċertifikati maħruġin f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 201, 1.8.2022, p. 60).
- ⁸⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1338 tad-29 ta' Lulju 2022 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġin mir-Repubblika tal-Filippini maċ-ċertifikati maħruġin f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 201, 1.8.2022, p. 54).
- ⁸⁶ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/724 tal-10 ta' Mejju 2022 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġin mir-Repubblika tas-Seychelles maċ-ċertifikati maħruġin f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 134, 11.5.2022, p. 28).
- ⁸⁷ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/725 tal-10 ta' Mejju 2022 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġin mir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam maċ-ċertifikati maħruġin f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 134, 11.5.2022, p. 31).

Ir-Regolament fih innifsu ma jirrikjedix b'mod espliċitu li pajjiżi terzi li jkunu qed jipprovaw jiksba deċiżjoni dwar l-ekwivalenza jaċċettaw b'mod reċiproku ċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għall-ivvjaġġar lejn il-pajjiżi rispettivi tagħhom. Madankollu, qabel ma adottat deċiżjoni ta' ekwivalenza, il-Kummissjoni talbet b'mod sistematiku lill-pajjiżi terzi kollha kkonċernati jaċċettaw iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u jggarantixxu li huma jżommu r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data*. Kif spjegat fit-Taqsima 2.1.3.4, jiġi applikat proċess rigoruż ta' "onboarding" għall-pajjiżi terzi kollha li jixtiequ jipparteċipaw biex tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tas-sigurtà.

Sabiex tinkiseb ħarsa ġenerali dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza, intbagħat kwestjonarju mid-Delegazzjonijiet tal-UE lill-pajjiżi u lit-territorji terzi li ċ-ċertifikati tagħhom huma koperti minn deċiżjonijiet ta' ekwivalenza u li kienu parti mis-sistema għal perjodu ta' żmien suffiċjenti biex jipprovdu feedback. Is-27 pajjiż u territorju⁸⁸ li pprovdew kontribut għall-kwestjonarju rrapportaw ammont żgħir ħafna ta' problemi dwar iċ-ċertifikati tat-tilqim, tal-fejkan u tat-testijiet u l-protezzjoni tad-*data*⁸⁹. Il-ftit kwistjonijiet irrapportati minn dak iż-żmien ġew indirizzati jew jaqgħu barra mill-kompetenza tal-UE.

2.5.2. Interoperabbiltà mas-sistemi żviluppati fil-livell internazzjonali

F'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament, il-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għandu jiżgura l-interoperabbiltà mas-sistemi teknoloġiċi stabbiliti fil-livell internazzjonali.

Il-Kummissjoni żammet djalogu u kooperazzjoni kontinwi mal-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet internazzjonali biex tesplora għażliet għall-interoperabbiltà fost is-sistemi teknoloġiċi eżistenti. F'Marzu 2022, il-presidenza Indoneżjana tal-G20, appoġġata mid-WHO, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi u s-Sħubija Globali dwar is-Saħħa Diġitali nediet proġett pilota biex tiġi ttestjata l-fattibbiltà teknoloġika tal-armonizzazzjoni tal-istandards tal-protokoll globali tas-saħħa tal-COVID-19, inkluż bl-iżvilupp ta' applikazzjoni universali ta' verifikatur li tista' tivvalida ċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġin skont standards tekniċi differenti, f'konformità sħiħa mal-oqfsa legali u tas-saħħa nazzjonali. Il-Kummissjoni u xi Stati Membri jipparteċipaw b'mod attiv fid-diskussjonijiet, jaqsmu l-għarfien, l-esperjenza u t-tagħlimiet meħudin miċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE bħala s-sistema ewlenija taċ-ċertifikati tal-COVID-19 diġitali implimentata fil-livell globali.

⁸⁸ L-Albanija, Andorra, l-Armenja, il-Benin, Cabo Verde, il-Kolombja, El Salvador, il-Georgia, Izrael, il-Libanu, il-Malażja, il-Moldova, Monaco, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, San Marino, is-Serbja, is-Seychelles, Singapore, it-Tajwan, it-Tajlandja, it-Togo, it-Tuneżija, it-Turkija, l-Emirati Għarab Magħquda, ir-Renju Unit u l-Urugwaj.

⁸⁹ Pereżempju, xi pajjiżi rrapportaw kwistjonijiet dwar ċerti tilqimiet li ma ġewx aċċettati minn ċerti Stati Membri, li huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. Il-ħruġ ta' ċertifikati bbażati fuq provi kliniċi tqajjem ukoll, li ġie indirizzat mir-Regolament (UE) 2022/1034.

Fil-kuntest tan-negozjati dwar ftehim internazzjonali dwar il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-pandemija, kif ukoll emendi għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005) (“IHR”), id-direttivi ta’ negozjati annessi mad-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/451 tat-3 ta’ Marzu 2022 li tawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja f’isem l-UE⁹⁰ għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-UE, jipprevedu li l-emendi għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa għandu jkollhom l-għan li jiċċaraw u jsaħħu d-dispożizzjonijiet eżistenti, inkluż billi jiġi promoss l-użu ta’ għodod diġitali ġodda li jistgħu jtejbū l-implimentazzjoni tagħhom.

Fit-30 ta’ Settembru 2022, l-UE u l-Istati Membri tagħha ppreżentaw sett ta’ emendi proposti għall-IHR, inkluża emenda proposta waħda li għandha l-għan li tippermetti l-użu ta’ ċertifikati tat-tilqim diġitali għall-ivvjaġġar internazzjonali. Din il-proposta issa qed tiġi meqjusa, flimkien mal-emendi proposti kollha ppreżentati minn Stati Partijiet oħrajn għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa, fi Grupp ta’ Ħidma magħmul minn membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, bil-ħsieb li jiġi propost pakkett ta’ emendi mmirati għall-kunsiderazzjoni u l-adozzjoni possibbli mill-Assemblea Dinjija tas-Saħħa f’Mejju 2024.

2.6. Futur taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE

L-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jipprevedi li dan ir-rapport jivvaluta l-adegwatezza tat-tkomplija tal-użu taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għall-finijiet tar-Regolament, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi epidemjoloġiċi u l-aħħar evidenza xjentifika disponibbli. Barra minn hekk, ir-Regolament jissottolinja li, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta’ inizzjattiva tal-Kummissjoni, ir-rapport jista’ jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva, b’mod partikolari biex jiqsar il-perjodu ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament, li bħalissa huwa t-30 ta’ Ġunju 2023⁹¹.

Fir-rigward tal-perjodu ta’ applikazzjoni tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, il-Kummissjoni tixtieq tafferma mill-ġdid li l-estensjoni tar-Regolament f’Ġunju 2022 sa Ġunju 2023 kienet meħtieġa fid-dawl tal-inċertezzi li kien għad fadal fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-pandemija tal-COVID-19. Kien importanti li tiġi evitata sitwazzjoni fejn, f’każ li ċerti restrizzjonijiet għall-moviment liberu bbażati fuq is-saħħa pubblika baqgħu fis-seħħ wara t-30 ta’ Ġunju 2022, iċ-ċittadini tal-UE kienu jiġu mċaħħdin mill-possibbiltà li jużaw għodda importanti li kienet iffaċilitat il-moviment liberu sa dak iż-żmien⁹².

Bħalma enfasizzat kontinwament il-Kummissjoni, kwalunkwe restrizzjoni għall-moviment liberu tal-persuni fl-UE stabbilita biex tillimita t-tixrid tas-SARS-CoV-2 għandha titneħħa hekk kif

⁹⁰ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/451 tat-3 ta’ Marzu 2022 li tawtorizza l-ftuħ ta’ negozjati f’isem l-Unjoni Ewropea għal ftehim internazzjonali dwar il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-pandemija, kif ukoll emendi komplementari għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005) (ĠU L 92, 21.3.2022, p. 1).

⁹¹ L-Artikolu 17, it-tieni subparagrafu tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

⁹² Il-premessa 12 tar-Regolament (UE) 2022/1034.

tippermetti s-sitwazzjoni epidemjoloġika. Dan japplika wkoll għar-rekwiżiti biex jiġu ppreżentati ċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE.

Mir-rapport ta' Marzu 2022 u mill-estensjoni tar-Regolament 'l hawn, il-varjant Omicron baqa' – fil-forma ta' subvarjanti differenti – il-varjant dominanti fl-UE⁹³. L-Omicron huwa anqas sever mill-varjant Delta osservat qabel, u dan jista' jiġi attribwit mill-anqas parzjalment għall-effett protettiv tat-tilqim u tal-infezzjoni preċedenti⁹⁴. B'riżultat ta' dan, u flimkien ma' dawn il-livelli oġhla ta' protezzjoni, il-pessjoni fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa bħalissa għadha f'livelli maniġabbli, anke matul il-livelli għoljin momentarji ta' infezzjonijiet bħall-mewġa xprunata mis-subvarjanti Omicron BA.4 u BA.5 osservati matul is-sajf tal-2022 jew il-mewġa osservata f'nofs Ottubru tal-2022. Fl-20 ta' Ottubru 2022, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) iddeżinja subvarjant ġdid BQ.1, inklużi s-sottolinjaġġi tiegħu, bħala varjant ta' interess. Abbażi tal-estimi tal-immudellar, huwa mistenni li sal-bidu tal-2023, aktar minn 80% tal-każijiet ta' SARS-CoV-2 se jkunu minħabba BQ.1 u s-sottolinjaġġi tiegħu⁹⁵ (ara wkoll l-Anness II għall-input riċevut mill-ECDC).

Sa Awwissu 2022, l-Istati Membri kienu tabilħaqq neħħew il-miżuri kollha li jaffettwaw il-moviment liberu tal-persuni fl-UE, inkluż ir-rekwiżit li l-vjaġġaturi jkollhom Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. Barra minn hekk, matul l-oġhla livelli ta' infezzjonijiet momentarji sussegwenti, l-ebda Stat Membru ma introduċa mill-ġdid rekwiżiti għall-vjaġġaturi biex ikollhom Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE. Dan minħabba li fis-sitwazzjoni attwali, il-fatturi domestiċi jistgħu jkunu mistennija li jkunu fatturi aktar b'saħħithom tas-sitwazzjoni epidemjoloġika mill-ivvjaġġar transfruntier. Minħabba f'hekk, l-interventi domestiċi mhux farmaċewtiċi, bħall-ilbies tal-maskri, il-ventilazzjoni u t-tbegħid fiżiku, aktar milli r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, jistgħu jkunu effettivi biex inaqqsu t-tixrid tal-COVID-19, jekk jiġu implimentati b'mod bikri u b'mod komprensiv u suffiċjenti fil-prattika mis-soċjetà⁹⁶. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma taf bl-ebda pjan mill-Istati Membri biex jerġgħu jintroduċu restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar. Kif ġie nnutat ukoll mill-ECDC, *“ix-xenarji attwali tal-varjanti u tal-immunità fil-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE jissuġġerixxu li l-impatt/il-valur tal-użu ta' Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE bħalissa jkun baxx minn perspettiva tas-saħħa pubblika”* (ara l-Anness II għall-kontribut riċevut mill-ECDC).

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni hija tal-fehma li r-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE kiseb l-għanijiet intiżi tiegħu, jiġifieri li jiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt tad-detenturi tiegħu għall-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19 u li jikkontribwixxi għall-iffaċilitar tat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet għall-moviment liberu

⁹³ <https://www.ecdc.europa.eu/en/covid-19/variants-concern>

⁹⁴ <https://www.ecdc.europa.eu/en/covid-19/latest-evidence/clinical>

⁹⁵ <https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/spread-sars-cov-2-omicron-variant-sub-lineage-bq1-eueea>

⁹⁶ Ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-COVID-19 – Sostenn tal-Istat tat-Thejġija u r-Rispons tal-UE: Ħarsa 'l quddiem (COM(2022) 190 final).

stabbiliti mill-Istati Membri, f'konformità mad-dritt tal-UE, biex jiġi llimitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2, b'mod koordinat.

Madankollu, kif ġie osservat ukoll fil-Komunikazzjoni tat-2 ta' Settembru 2022⁹⁷, il-Kummissjoni tqis li jeħtieġ li nibqgħu viġilanti matul ix-xhur tax-xitwa li ġejjin. Kif ġie indikat ukoll mill-ECDC, hemm ċerti elementi ewlenin li se jkunu partikolarment deċiżivi għaż-żmien u d-daqs tal-mewġiet futuri tal-COVID-19. L-ewwel nett, il-protezzjoni bis-saħħa tat-tilqim u miksba b'mod naturali kontra l-infezzjoni u l-eżiti severi tonqos biż-żmien, u dan għandu impatt sostanzjali fuq il-probabbiltà u s-severità ta' mewġiet futuri ta' infezzjonijiet. It-tieni, l-emerġenza ta' (sotto)linjaġġi aktar evażivi għall-immunità jew trażmissibbli tas-SARS-CoV-2 se tkun fattur kruċjali li, flimkien ma' kwalunkwe bidla fis-severità ta' varjanti ġodda, se jkunu deċiżivi għall-piż tal-marda relatat. It-tielet, il-fluttwazzjonijiet temporali tal-COVID-19 se jiġu amplifikati jew imnaqqsa skont l-imġieba tal-bniedem. Fl-aħħar nett, jista' jkun hemm potenzjal li jinħolqu xejriet ta' staġjonalità li jkunu kkawżati minn fatturi oħrajn bħall-klima, li jistgħu jirriżultaw f'oxxillazzjonijiet tal-piż tal-COVID-19 matul is-sena. F'dak li jirrigwarda l-varjant BQ.1 ta' interess, abbażi tad-*data* limitata disponibbli, ma hemm l-ebda evidenza li dan hu assoċjat ma' severità ta' infezzjoni akbar mill-varjanti ċirkolanti BA.4/BA.5. Madankollu, l-ECDC jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jibqgħu viġilanti għal sinjali tal-emerġenza u t-tixrid tiegħu⁹⁸.

Huwa f'dan il-kuntest li l-Kummissjoni, fil-proposta tagħha tal-14 ta' Ottubru 2022 biex tagħgħorna l-approċċ koordinat dwar l-ivvjagħġar fl-UE matul il-pandemija tal-COVID-19⁹⁹ (ara wkoll it-Taqsima 2.1.1), enfasizzat li n-nuqqas ta' restrizzjonijiet relatati mal-pandemija għall-moviment liberu għandu, f'dan il-mument, jibqa' n-norma. L-Istati Membri għandhom jintroduċu mill-ġdid ir-rekwiżiti li wieħed għandu jkollu fil-pussess tiegħu Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE validu biss jekk is-sitwazzjoni epidemjoloġika tmur għall-aġar b'mod sever. Għal din il-konstatazzjoni, l-Istati Membri għandhom iqisu b'mod partikolari l-pressjoni fuq is-sistema tal-kura tas-saħħa tagħhom minħabba l-COVID-19, b'mod partikolari f'termini ta' ammissjonijiet u għadd ta' pazjenti fl-isptar u fl-unità tal-kura intensiva.

Għalhekk, primarjament għal raġunijiet ta' viġilanza epidemjoloġika, il-Kummissjoni ma għandhiex l-intenzjoni li tadotta proposta biex tqassar il-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament. Kwalunkwe proposta bħal din toħloq ukoll inċertezza legali għall-Istati Membri u għall-pajjiżi terzi konnessi li jfittxu li jipplanaw u jħejju għall-iskadenza tar-Regolament.

⁹⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni – Rispons tal-UE għall-COVID-19: inħejju għall-ħarifa u x-xitwa 2023 (COM(2022) 452 final).

⁹⁸ <https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/spread-sars-cov-2-omicron-variant-sub-lineage-bq1-eueea>

⁹⁹ Il-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li temenda r-Rakkomandazzjoni (UE) 2022/107 dwar approċċ ikkoordinat biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19, COM(2022) 681 final.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni ma għandhiex l-intenzjoni, f'dan l-istadju, li tipproponi estensjoni ulterjuri tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE lil hinn mid-data ta' skadenza attwali tiegħu tat-30 ta' Ġunju 2023. Kif irrimarka wkoll l-ECDC, l-aktar fażi akuta tal-pandemija tal-COVID-19 għaddiet. B'hekk, il-Kummissjoni jidhrilha li huwa improbabbli li r-restrizzjonijiet għad-dritt fundamentali għall-moviment liberu se jiġu ġġustifikati 'l quddiem. Fi sħarriġ li sar fin-network IPCR f'Novembru 2022, meta ġew mistoqsija jekk humiex qed jistennew hteġa għal Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE għall-finijiet tal-ivvjaġġar intra-UE wara Ġunju 2023, l-ebda Stat Membru ma indika b'mod ċar dik il-hteġa¹⁰⁰. Il-Kummissjoni se tivvaluta mill-ġdid is-sitwazzjoni sat-tmien ta' Marzu 2023 bil-għan li tiegħu deċiżjoni definittiva dwar il-pożizzjoni tagħha rigward il-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament.

Huwa importanti wkoll li jiġi nnotat li, fid-19 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament li jistabbilixxi Strument għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku¹⁰¹. Dan l-istrument għandu l-għan li jistabbilixxi mekkaniżmu flessibbli u trasparenti biex jirrispondi malajr għal emerġenzi u kriżijiet li jheddu l-funzjonament tas-suq uniku. L-oġettiv huwa li jiġu żgurati l-koordinazzjoni, is-solidarjetà u l-koerenza tar-rispons tal-UE għall-kriżijiet u li jiġi protett il-funzjonament tas-suq uniku, filwaqt li tiġi żgurata, b'mod partikolari, it-tkomplija tal-moviment liberu tal-persuni, tal-oġġetti u tas-servizzi. Skont il-proposta, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jkunu intitolati wkoll li jistabbilixxu għodod diġitali interoperabbli jew infrastrutturi tal-IT li jappoġġaw l-oġettivi tar-Regolament dwar l-Istrument għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku, li jistgħu, fejn rilevanti għal kriżi futura speċifika, ikunu utli wkoll għal finijiet simili għal dawk taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. Il-proċedura leġislattiva dwar il-proposta tal-Kummissjoni bħalissa għadha għaddejja u l-qafas previst għalhekk għadu ma huwiex disponibbli.

Fl-aħħar, minħabba s-suċċess globali tat-teknoloġija li tinfed iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, il-Kummissjoni u l-Istati Membri qed jirriflettju jekk tali arkitettura teknika tistax potenzjalment tintuża għal każijiet ta' użu għajr il-faċilitazzjoni tal-moviment liberu fl-UE, u kif dan għandu jsir, inkluż għall-faċilitazzjoni tal-ivvjaġġar lejn u minn pajjiżi terzi. It-teknoloġija tista' tiġi kkunsidrata wkoll, pereżempju, għall-awtentikazzjoni ta' dokumenti fil-qasam tas-saħħa u għall-iżvilupp ulterjuri tal-utilizzabbiltà u tas-sigurtà tas-servizzi tas-saħħa diġitali transfruntieri (bħal, pereżempju, il-kards tat-tilqim għall-finijiet tal-kontinwità tal-kura, l-aċċess għal riċetti elettroniċi u l-iddispensar tagħhom, l-aċċess għal sommarji tal-pazjent, eċċ.). Każijiet ta' użu oħrajn ta' din ix-xorta jistgħu jappoġġaw liċ-ċittadini li jfittxu jew jirċievu l-kura tas-saħħa fi Stat Membru differenti minn dak tagħhom. Sabiex jiġu żgurati sinerġiji, l-implimentazzjoni potenzjali ta' dawk il-każijiet ta' użu jistgħu jiġu esplorati fil-kuntest tal-iżvilupp tal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa¹⁰². Jista' jiġi kkunsidrat ukoll li jingħata

¹⁰⁰ Kien hemm 13-il Stat Membru li wiegħbu "le" u 12 li wiegħbu "forsì".

¹⁰¹ COM(2022) 459 final.

¹⁰² COM(2022) 197 final.

appoġġ għal inizzjattivi sabiex titrawwem l-interoperabbiltà ta' ċertifikati tas-saħħa fuq livell aktar globali. L-appoġġ fil-livell tal-UE għal kwalunkwe każ ta' użu bħal dan se jiddependi, fost affarijiet oħra, fuq jekk hemmx kompetenza tal-UE li taġixxi fil-qasam ikkonċernat jew le. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tissottolinja li kwalunkwe każ ta' użu bħal dan ma għandux jirriżulta f'restrizzjonijiet għall-eżerċizzju taċ-ċittadini tal-UE tad-dritt taġġhom għall-moviment liberu.

3. KONKLUŻJONI

B'aktar minn żewġ biljun ċertifikat maħruġin, iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ta benefiċċji tanġibbli liċ-ċittadini tal-UE: dan iffaċilita l-moviment liberu meta r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar kienu għadhom meqjusin meħtieġa, u, fl-istess ħin, ippermetta t-tneħħija koordinata ta' dawn ir-restrizzjonijiet ladarba kien possibbli. Barra minn hekk, iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE kien faċli biex jintuża, mingħajr hłas u versatili biex jadatta għal żviluppi ġodda. Fl-aħħar, il-qafas taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilixxa wkoll standard fl-Ewropa u l-aħjar Prattika fuq livell globali, b'76 pajjiż u territorju konnessi mas-sistema.

Mingħajr iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, iċ-ċittadini tal-UE ma kinux igawdu minn dritt li jinħarġilhom ċertifikat interoperabbli għat-tilqim, għat-testijiet jew tal-fejqa, u li jiġu aċċettati minn Stati Membri oħra għall-finijiet tal-eżerċitar tad-dritt fundamentali taġġhom għall-moviment liberu. Dan wera l-kapaċità tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri li jiżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi fi żmien rekord, b'valuri ewlenin tal-UE bħall-protezzjoni tad-data u l-aċċess miftuħ garantiti.

Għal raġunijiet ta' viġilanza epidemjoloġika, jibqa' prudenti li tinżamm is-sistema taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE matul il-perjodu tax-xitwa tal-2022-23. Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi mill-qrib l-iżvilupp tas-sitwazzjoni epidemjoloġika, u b'mod partikolari l-elementi ewlenin li se jkunu, skont l-ECDC, partikolarment deċiżivi għaż-żmien u d-daqs tal-mewġiet futuri tal-COVID-19. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni se tevalwa mill-ġdid is-sitwazzjoni sat-tmien ta' Marzu 2023 u tiddeċiedi jekk tipproponix estensjoni ulterjuri, jew jekk tħallix ir-Regolament jiskadi f'Ġunju 2023.

Li wieħed jista' jiċċaqlaq bejn l-Istati Membri billi juża biss passaport jew karta tal-identità hija waħda mill-kisbiet fundamentali tal-integrazzjoni Ewropea. Kwalunkwe limitazzjoni għal dak id-dritt, inkluż meta tirriżulta minn avvenimenti mingħajr preċedent bħal pandemija globali, trid tibqa' limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ. Fl-aħħar mill-aħħar, ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE se jkun vittma tas-suċċess tiegħu stess: l-iskadenza tiegħu se tkun prova li l-għan iddikjarat tiegħu, ir-restawr tal-moviment liberu mingħajr restrizzjoni, inkiseb.